MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tal-11 ta' Diċembru, 2023

Appell Inferjuri Numru 90/2023 LM

**Achraf Fifi**
*('l-appellant')*

***vs.***

**L-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni**
*('l-appellat')*

**Il-Qorti,**

1. Dan huwa appell magħmul mir-rikorrent **Achraf Fifi**, [hawnhekk 'l-appellant'], minn deċiżjoni tal-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni, [minn issa 'l quddiem 'il-Bord'], mogħtija fl-14 ta' Settembru, 2023 [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni appellata'] fil-konfront tal-intimat l**-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni** [hawnhekk 'l-appellat'].

2. Rat id-deċiżjoni appellata mogħtija mill-Bord fl-14 ta' Settembru, 2023.

3. Rat ir-rikors tal-appell ippreżentat mill-appellant fil-25 ta' Settembru, 2023.

4. Rat ir-risposta tal-appellat ippreżentata fit-2 ta' Ottubru, 2023, fejn irrimetta ruħu għat-talbiet tal-appellant, salv illi rrileva li din il-Qorti m'għandhiex tgħaddi sabiex tagħti deċiżjoni fil-mertu, imma semmai li tħassar biss id-deċiżjoni tal-Bord u tirrimetti l-atti quddiem il-Bord sabiex dan jagħti deċiżjoni mill-ġdid abbażi tal-konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti.

**Ikkunsidrat:**

5. Illi in vista ta' dak stipulat fl-Artikolu 20 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), u dak li ngħad fis-sentenza fl-ismijiet **Gerardo Ruiz Zambrano v Office national de l'emploi (ONEm)**[1], u in vista tat-tibdil fiċ-ċirkostanzi tal-appellant minn meta nħarġu r-*removal order*, ir-*return decision* u l-*entry ban*, l-aggravji mressqa mill-appellant huma ġustifikati, u għandhom jiġu milqugħa.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti taqta' u tiddeċiedi dwar l-appell tal-appellant billi tilqgħu limitatament billi tħassar id-deċiżjoni appellata, u tirrimetti l-atti quddiem il-Bord sabiex dan jagħti deċiżjoni mill-ġdid abbażi tal-konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti.**

[1] Qorti Ewropea tal-Ġustizzja, 08.03.2011.

**L-ispejjeż tal-proċeduri għandhom jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**